**MALTA**
**TRIBUNAL TA' REVIZJONI AMMINISTRATTIVA**
**MAGISTRAT DR. CHARMAINE GALEA**

**11 ta' Gunju 2019**

**Rikors Numru 129/2018**

**Giuseppe sive Joseph Perini**

**Vs**

**L-Awtorita` tad-Djar**

## It-Tribunal,

Ra r-rikors ta' **Giuseppe sive Joseph Perini**ipprezentat fis-7 ta' Dicembru 2018 li permezz tieghu ppremetta s-segwenti:-

*"ILLI permezz ta' Ittra Uffiċjali maħruġa fuq istanza tal-Awtorita' tad-Djar bin-Numru: 4134/2018, u notifika lill-esponenti, l-Awtorita' Intimata interpellat lill-esponenti sabiex jiżgombra mill-fond 47, Blokk 3, Triq iż-Żewġ Mini, Isla, Malta fi żmien tletin (30) ġurnata min-notifika tal-istess;*

*ILLI l-esponenti ġie notifikat bl-Ittra Uffiċċjali kontenenti l-imsemmija deċiżjoni fit-23 ta' Novembru 2018 u perċio' qiegħed jintavola dan ir-rikors entro l-perjodu ta' għoxrin (20) jum hekk kif stipulat fl-Artikolu 12 tal-Kapitolu 573 tal-Liġijiet ta' Malta;*

*ILLI l-esponenti jħoss ruħu aggravat minn din l-ordni ta' żgumbrament tal-Awtorita' Intimata, u għalhekk qiegħed jipprevalixxi ruħu mill-fakolta' mogħtija lilu u għaldaqstant qed jintavola dan l-umli rikors quddiem dan l-Onorabbli Tribunal sabiex permezz tiegħu jopponi għat-talba għall-iżgumbrament u dan kollu ai termini tal- Artikolu 12 tal-Kapitolu 573 tal-Liġijiet ta' Malta;*

*ILLI fl-ewwel lok u in linea preliminari, l-Ittra Uffiċċjali mibgħuta mill-Awtorita' Intimata kontenenti l-imsemmija ordni hija nulla u rrita stante li din hija redatta b'mod lakoniku għall-aħħar u skarna minn raġunijiet b'tali mod u manjiera illi ma huwiex possibbli għall-esponenti li jiddetermina r-raġuni għall-iżgumbrament u dan kuntrarjament għal dak li*

*jistipula l-Artikolu 10 tal-Kapitolu 573 tal-Liġijiet ta' Malta li jagħmilha ċara li "id-deċiżjoni tal-iżgumbrament għandu jkun fiha r-raġunijiet kollha għaliex din tkun ittieħdet…";*
*ILLI fit-tieni lok u mingħajr pregudizzju għas-suespost it-talba tal-Awtorita' Intimata għall-iżgumbrament hija nfondata fil-fatt u fid-dritt, stante li mhux minnu dak li qed jiġi allegat mill-Awtorita' Intimata u cioe' li l-esponenti qiegħed jokkupa l-fond mingħajr ebda titolu validu fil-liġi, u dan kif ser jirriżulta waqt il-provi u t-trattazzjoni tal-kawża;*

*ILLI dejjem mingħajr pregudizzju għas-suespost, l-onus probandi li l-esponenti qiegħed jokkupa l-fond de quo mingħajr ebda titolu validu fil-liġi tinkombi unikament fuq l-Awtorita' Intimata u dan in vista tal-principju espress mill-ligi u abbraċċjat mill-gurisprudenza illi* min jallega irid jipprova – *qui allegat probat – stante li l-obbligu tal-prova ta' fatt imiss dejjem lil min jallegah a dan kollu a tenur tal-Artikolu 562 tal-Kapitolu 12 tal-Liġijiet ta' Malta.*

*ILLI fi kwalunkwe każ l-esponenti għandu titolu validu fil-Liġi, stante li l-kirja de quo għaddiet għandu mingħand il-familjari immedjati tiegħu u dan kif ser jirriżulta mill-provi u t-trattazzjoni tal-kawża.*

*GHALDAQSTANT u in vista tas-suespost l-esponenti umilment u bir-rispett jitlob lil dan l-Onorabbli Tribunal jogħġbu:*

1. *Jiddikjara li l-ordni għall-iżgumbrament tal-Awtorita' Intimata komunikata lill-esponenti tramite l-Ittra Uffiċċjali bin-Numru 4134/18 ma tiswiex u hija waħda mingħajr ebda bażi legali."*

Ra r-risposta **tal-Awtorita` tad-Djar** datata 18 ta' Dicembru 2018 li permezz taghha eccepiet is-segwenti:-

*"Illi r-rikorrent ma ghandu ebda titolu validu fil-ligi biex izomm il-fond mertu tar-rikors u tal-ittra ufficjali ta' evizjoni. Ir-rikorrenti jghid li l-ittra ufficjali ma ndikat ebda raguni ghall-izgumbrament imma fl-istess nifs tindika li l-istess ittra fil-fatt tafferma li r-rikorrenti qed jokkupa il-post minghajr titolu;*

*Illi r-rikorrenti hi zbaljata meta tindika li hi l-Awtorita' li trid tipprova li Giuseppe Perini ma ghandux titolu – l-ewwelnett ghax hadd ma jista jkun tenut jaghmel prova negattiva u t-tieninett ghaliex jekk ir-rikorrenti qed jispera li jkompli jokkupa l-fond, hu jrid ikollu titolu u jispetta lilu jipprova x'inhu dan it-titolu. Filfatt hu qed jghid li ghandu titolu ta' kera – jekk hu hekk sta ghalih li jippruvah.*

*Illi l-uniku inkwilin rikonoxxut kien hu r-rikorrent certu Emmanuele Perini li kien jghix wahdu fil-fond de quo. Ir-rikorrent jghix ma' martu Victoria fil-fond Block, Maisonette 14, Sofia Str., Bormla. Il-kontijiet tad-dawl u ilma minn Novembru 2017 sa Jannar 2018 jaqraw li ma kienx hemm konsum fil-fond de quo.*

*Illi hu ghal din ir-raguni li jispetta lilu jipprova t-titolu li qed jallega li ghandu. Ghalhekk l-ittra ufficjali hi korretta meta bhala raguni ghall-izgumbrament tindika in-nuqqas ta' titolu.*

*Illi filfatt il-ligi stess tindika n-nuqqas ta' titolu bhala wahda mir-ragunijiet ghaliex jista' jsir zgumbrament minn fondi governattivi;*

*Illi l-inkwilin rikonoxxut fil-fond de quo kien Emmanuele Perini li miet fl-24 ta' Ottubru 2014. F'Marzu 2016 ir-rikorrent talab li jigi rikonoxxut bhala inkwilin. Din l-istess talba turi li r-rikorrent kien jaf li hu mhuwiex rikonoxxut u mhuwiex inkwilin.*

*Illi fil-fatt mal-mewt ta' Emmanuele Perini l-Awtorita' tad-Djar ma kellhiex obbligu li tirrikonoxxi bhala inkwilin anke persuna li tkun qed tghix mal-inkwilin rikonoxxut. Ghalhekk ir-rikorrenti talab ir-rikonoxximent.*

*Illi l-Awtorita' tad-Djar meta tara lil min ser talloka il-fond li jkun tbattal mhux biss tara l-bzonn tal-persuna imma tara wkoll il-lista ta' applikanti u perezempju l-kobor tal-post – ghax perezempju tkun hela jekk post li jista' jesa' familja ta' erbgha jigi allokat lil persuna li qieghda wahedha.*

*Illi l-Awtorita' ghandha dritt li talloka l-postijiet li jitbattlu mill-inwkilin rikonoxxut lil min jidhrilha hi li jkun l-aktar meritevoli.*

*Ir-rikorrenti ovvjament irid jaqbez lil kull min ilu japplika u lil min jista' jkun aktar fil-bzonn minnha. Anzi martu li wkoll tokkupa post tal-Gvern b'kera baxxa tippretendi li fil-fond taghha tigi rikonoxxuta bintha biex hi tidhol inkwilina fil-post li qabel kien mikri lil Emmanuele Parini, li jigi hu r-rikorrent.*

*Illi ghalhekk saret l-ittra ufficjali li titlob l-izgumbrament skont il-ligi.*

*Ghaldaqstant it-talba attrici ma ghandhiex tigi milqugha."*

Sema' x-xhieda;

Ra d-dokumenti kollha pprezentati;

Sema' t-trattazzjoni tal-partijiet;

Ra li r-rikors thalla ghal-lum ghas-sentenza.

**Ikkunsidra:**

Illi r-rikorrent hassu aggravat b'decizjoni kif kontenuta f'ittra ufficjali datata 20 ta' Novembru 2018 li permezz taghha hu u Antonia Perini gew ordnati jizgumbraw mill-fond bin-numru 47, Blokk 3, Tirq iz-Zewg Mini, Isla u dan peress li l-fond kien okkupat minnhom minghajr ebda titolu validu fil-ligi. Minn din id-decizjoni ghamel appell biss ir-rikorrent Giuseppe Perini.

**Mario Magro**, rapprezentant tal-Awtorita` intimata, stqarr illi l-fond Dar 1 (illum 47), Blokk 3, Triq iz-Zewg Mini, Isla kienet giet mikrija mill-Kummissarju tal-Artijiet lil Salvatore u Carmela Perini. Fit-22 ta' Jannar 1980 id-Dipartiment tal-Akkomodazzjoni Socjali irrikonoxxa lil Emanuel u Marietta Perini *in solidum* bhala l-kerrejja wara li gew nieqsa l-genituri taghhom.

F'Marzu 2016 ir-rikorrent kien talab lill-Awtorita` intimata sabiex jigi rikonoxxut bhala inkwilin in vista li huh Joseph Perini kien miet f'Ottubru 2014. Ghalhekk l-Awtorita` bdiet il-process tar-rikonoxximent, fejn fost affarijiet ohra jsiru spezzjonijiet sabiex jigi verifikat jekk l-applikant ikunx qieghed jghix fil-fond li dwaru tkun saret it-talba ghar-rikonoxximent. Jispjega li minn spezzjonijiet li saru irrizulta li l-fond ma kienx qieghed jigi abitat u minkejja li ntbaghtu xi ittri biex ir-rikorrenti jipprovdilhom il-kontijiet tad-dawl u ilma, dawn l-ittri baqghu ma gewx imwiegba. Xehed ukoll illi l-Awtorita` rrizultalha illi r-rikorrent u martu Antonia Perini zzewgu f'Ottubru 2015. Antonia Perini diga kienet qieghdha tokkupa proprjeta tal-Awtorita` intimata b'kera pero` l-intenzjoni tal-koppja Perini kien li jzommu z-zewg proprjetajiet sabiex ikollha fejn toqghod bint Antonia Perini.

Ix-xhud spjega wkoll illi ghalkemm ir-rikorrent kien jigi hu l-inkwilin rikonoxxut minnhom, ir-rikonoxximent ma kienx xi wiehed awtomatiu izda r-rikorrent ried jigi assessjat, jigi stabbilit x'assi ghandu u jekk ma' jghaddix mit-test tal-mezzi jibda process gdid ta' kirja gdida.

**Ronald Iles**, spettur mal-Awtorita` intimata, xehed illi huwa wettaq diversi spezzjonijiet fir-rigward tal-fond *de quo* u nnota li l-post ma kienx qieghed jigi abitat. Huwa spjega wkoll illi jiehdu certa informazzjoni min-nies tal-akwata pero` ma kienx f'posizzjoni li jghid min kienu dawn in-nies. Ix-xhud ikkonferma li l-Karta ta' l-Identita tar-rikorrent tghajjat lill-post in kwistjoni u huwa wkoll registrat bhala elettur fl-istess fond. Jispjega li f'okkazjoni minnhom kienu ffissaw appuntament biex issir spezzjoni permezz ta' ittra. Madankollu meta accedew fuq il-post fid-data tal-appuntament ma fethilhom hadd. Wara xi granet cemplitilhom Antonia Perini u ghamlu appuntament iehor u kienu prezenti kemm Antonia u kif ukoll ir-rikorrent.

**Ir-rikorrent** xehed permezz ta' affidavit fejn stqar illi huwa ghandu tlieta u tmenin (83) sena. Jispjega li huwa dejjem ghex fil-fond in kwisjtoni mal-familja tieghu u meta miet huh Emanuel Perini huwa baqa' jghix hemm u baqa' jhallas il-kera. Huwa jistqarr illi huwa dejjem baqa' jghix fl-istess post pero` johrog mid-dar filghodu kmieni u jirritorna tard fl-ghaxija peress li jmur iqatta' ftit tal-hin il-hanut tat-tifla tal-mara tieghu. Jispjega li huwa ghandu wkoll problema ta' smiegh u ghalhekk ma jeskludix li jekk habbtulu l-ispetturi tal-Awtorita` huwa ma semghahomx.

In kontro-ezami ir-rikorrent stqarr illi huwa jghix ma' martu u jorqdu darba fil-fond tal-Isla u darba fil-fond ta' Bormla.

**Ikkunsidra:**

Illi l-ewwel aggravju tar-rikorrent huwa fis-sens illi l-ittra ufficjali *de quo* hija nulla u rrita stante li hija redatta b'mod lakoniku ghall-ahhar u skarna minn ragunijiet b'tali mod u manjiera illi ma huwiex possibbli ghalih jiddetermina r-raguni ghall-izgumbrament u kwindi ma tissodisfax dak rijest f'artikolu 10 (1) tal-Kapitolu 573 tal-Ligijiet ta' Malta li jghid is-segwenti : *"Id-deċiżjoni tal-iżgumbrament għandu jkun fiha r-raġunijiet kollha għaliex din tkun ittieħdet."*

Illi t-Tribunal josserva illi ai termini tal-artikolu 9 tal-Kapitolu 573 l-istess ligi tistipula l-istanzi fejn l-Awtorita` intimata tista' tordna l-izgumbrament fejn fis-sub-inciz (a) insibu illi dan jista' jsir jekk l-art *"tkun okkupata minn dik il-persuna mingħajr ebda titolu validu fil-liġi."* Illi t-Tribunal isib li l-Awtorita` intimata issodisfat ir-rekwiziti ta' artikolu 10 (1) u r-raguni moghtija mill-istess m'ghandha bzonn ta' l-ebda elaborazzjoni biex tinftiehem. B'hekk l-ewwel aggravju qieghed jigi michud.

It-tieni aggravju huwa fis-sens illi mhux minnu li r-rikorrent qieghed jokkupa l-istess fond minghajr titolu validu fil-ligi. Hawnhekk ir-rikorrent jishaq li ghandha tkun l-Awtorita` intimata li ggib prova li r-rikorrent m'ghandux titolu validu fil-ligi u mhux huwa u dan abbazi tal-principju *qui allegat probat*. It-Tribunal ma jaqbel xejn ma' dan ir-ragunament. Jekk ir-rikorrent qieghed jallega li huwa ghandu titolu huwa jrid jipprova dan u mhux l-Awtorita` intimata. Fil-fatt ir-rikorrent qieghed jallega illi huwa ghadu titolu validu fil-ligi stante lil-kirja *de quo* ghaddiet ghandu minghand il-familjari immedjati tieghu.

Illi l-Kapitolu 573 tal-Ligijiet ta' Malta jiddefinixxi t-terminu "kerrej" bhala **"l-persuna li fuqu hija reġistrata l-kirja mal-awtorità kompetenti jew li qed jokkupa l-art b'titolu ta' kirja."** Illi fis-sottomissjonijiet orali d-difensur tar-rikorrent sahaq illi r-rikorrent jaqa' fit-tieni parti ta' din id-definizzjoni, u cioe` li qieghed jokkupa l-fond b'titolu ta' kera. Huwa jsostni li wara l-mewt tal-genituri tar-rikorrent, il-kirja ghaddiet fuq huh Emanuel Perini *ex lege*. It-Tribunal ma jaqbilx ma' din is-sottomissjoni stante li mid-dokumenti esebiti mill-Awtorita` intimata jirrizulta illi fl-1980 kien sar rikonoxximent vera u proprju tal-ahwa tal-inkwilin da parti tad-Dipartiment ta' l-Artijiet.[1] Ir-rikorrent ikompli jishaq illi daqskemm ghaddiet fuq hutu, il-kirja *de quo* daqstant iehor ghaddiet fuqu. Id-difensur tar-rikorrent ikompli jsahhah l-argument tieghu b'referenza ghall-ittra mibghuta mill-Awtorita` intimata (fol. 30) fejn jinghad illi l-istess Awtorita` kienet qieghda tittermina l-kirja u kwindi, skond ir-rikorrent, kienet qieghda taghraf li hemm kirja. Illi t-Tribunal ma jaqbilx illi b'dak li nghad fl-imsemmija ittra kien hemm xi tip ta' rikonoxximent tar-rikorrent. Dak li kien qieghed

[1] Dokument MM1 a fol. 20

jinghad fl-istess ittra kien biss li kienet qieghda tigi terminata l-kirja, il-kirja mhux li kellu r-rikorrent, izda li kellu huh Emanuel Perini u dana stante l-mewt tieghu. Id-difensur tar-rikorrent jipponta wkoll lejn *inspection report* (a fol. 59) redatt fil-5 ta' Gunju 2018 li jghid is-segwenti *"For the inspection we found Mr. Giuseppe Perini I.D. 405336M who is the twin brother of the legal tenant Mr. Emanuel Perini and is registered as a tenant at the subject residence (as on CDB) and his wife Ms. Antonia Perini ID 497647 who is registered on the CDB as tenant at Blk C, Triq Sofija, Bormla."* Minn din id-dicitura r-rikorrent jishaq illi allura l-istess Awtorita` qieghdha taghrfu bhala *"tenant"*. Illi t-Tribunal huwa tal-opinjoni li dan huwa xi ftit tigbid tal-argument nonostante li t-terminu uzat forsi mhux l-iktar wiehed indikat fic-cirkostanzi, pero` certament il-fatt li f'*inspection report* ufficjal tal-Awtorita` nizzel il-kelma "tenant" dan ma jfissirx illi r-rikorrent nghata xi rikonoxximent mill-Awtorita` intimata. Madankollu t-Tribunal huwa tal-opinjoni illi l-ufficjali tal-Awtorita` ghandhom ikunu iktar precizi u korretti fir-rapporti taghhom.

Illi t-Tribunal jirrileva illi ghalkemm sar hafna dibattitu fuq fejn qieghed jghix ir-rikorrent, din hija kwistjoni, sa certu punt, marginali u dan in vista li l-Awtorita` intimata odnat li r-rikorrent jizgombra mill-fond abbazi tan-nuqqas ta' titolu.

Illi l-provi prodotti mir-rikorrent huma iktar diretti sabiex jippruvaw illi huwa ghadu jokkupa l-fond in kwistjoni. Illi kif diga gie accennat iktar 'il fuq, l-ittra esebita a fol. 30 bl-ebda mod ma taghti konfront lir-rikorrent ghalkemm hemm miktub "*Ghandi ngharraf illi ma hijiex l-intenzjoni tal-Awtorita` tad-Djar li ggedded il-kirja tal-fond hawn fuq imsemmi wara t-30 ta' Gunju 2018."* L-ewwel u qabel kollox jigi osservat illi l-istess ittra hija nieqsa minn indikazzjoni lil min kienet mibghuta. Nonostante dan, ghalkemm fl-opinjoni ta' dan it-Tribunal l-istess ittra mhux redatt bl-iktar mod felici, id-dicitura tal-istess ittra ma tammontax ghal xi rikonoxximent ta' kirja favur ir-rikorrent.

Illi filwaqt li huwa minnu li l-Awtorita` intimata kienet talbet permezz ta' ittra datata 22 ta' Marzu 2016 sabiex ir-rikorrent jibghatilha xi informazzjoni, inkluz dokumenti tad-dhul tas-sena 2015, infurmatu wkoll illi minghajr tali informazzjoni t-talba tieghu ghar-rikonoxximent ma setghetx tigi processata. Jirrizulta wkoll illi hija procedura tal-Awtorita` illi meta jkun hemm talba simili ghar-rikonoxximent f'kirja jsiru spezzjonijiet biex jigi konfermat li l-applikant ikun verament qieghed jokkupa l-fond li ghalih talab ir-rikonixximent. Minn dawn l-ispezzjonijiet irrizulta illi l-fond ma kienx qieghed jigi abitat. Ir-rikorrent fix-xhieda tieghu qal li huwa minn dejjem abita fil-fond *de quo* ghalkemm in kontro-ezami huwa stqarr illi huwa u martu jorqdu fil-fond darba iva u darba le. Illi t-Tribunal ma tqisx din ix-xhieda bhala wahda kredibbli u hija konvinta li r-rikorrent abbanduna l-fond *de quo* u qieghed jghix ma' martu fil-fond taghha ta'

Bormla. Illi m'ghandux mis-sewwa lanqas u m'hemmx wisq logika illi koppja mizzewga tghix gurnata f'fond u gurnata ohra f'fond iehor.

Illi pero` lil hinn mill-kwisjtoni dwar fejn qieghed jghix ir-rikorrent, il-fatt hu li r-rikorrent bl-ebda mod ma rnexxielu jipprova illi huwa ghandu xi titolu fuq il-fond *de quo*. Kienu biss huh u ohtu li kienu gew rikonoxxuti bhala inkwilini. Ghal xi raguni huwa ma kienx talab li jigi rikonoxxut meta giet nieqsa ommu. Dan jista' jkun dovut illi f'dawk is-snin huwa ma kienx joqghod fil-fond in kwisjtoni tant li mir-Registru Elettorali ippubblikat f'Ottubru 1980 ir-rikorrent ma jirrizultax li kien registrat bhala elettur fl-istess fond.[2] Jidher ċar li anki jekk huwa minn dejjem ghex fil-fond in kwistjoni, kien hekk qieghed jgħix mingħajr il-permess u l-awtorizzazzjoni tas-sid tal-post, il-Gvern ta' Malta jew l-awtoritajiet li jirrappreżentawh, u għalhekk mingħajr ebda titolu.[3] F'dan il-kuntest għandha raġun l-Awtorità konvenuta tgħid li r-rikorrent m'ghandux titolu validu fil-ligi sa fejn hi kkonċernata hi, stante li la qatt ġie rikonoxxut fil-kirja, u qatt ma ngħata permess jew awtorizzazzjoni sabiex jabita fil-fond

Huwa fatt magħruf li l-Awtorità tad-Djar għandha sistema ta' punti li talloka fuq bażi ta' mertu għall-każijiet li jitressqu quddiemha, u li min jiġi allokat fond mingħandha għall-kiri jkun issodisfa r-rekwiżiti imposti mill-istess Awtorità, u dan sabiex jiġi assigurat li dawn il-fondi verament jinkrew lil min għandu bżonn akkomodazzjoni soċjali.

Ghaldaqstant dan it-Tribunal ma jsib xejn x'jiccensura mid-decizjoni appellata u jikkonfermaha fl-intier taghha.

## DECIDE

Ghaldaqstant it-Tribunal, ghar-ragunijiet hawn fuq esposti, qieghed jichad l-appell tar-rikorrenti u jilqa' r-risposta tal-Awtorita` intimata u ghaldaqstant jikkonferma l-kontenut tal-ittra ufficjali numru 4134/2018 datata 20 ta' Novembru 2018 u li kopja taghha tinsab esebita bhala Dokment GP1 a fol. 75 tal-process, u ai termini tal-artikolu 16 (2) tal-Kapitolu 573 tal-Ligijiet ta' Malta jipprefiggi terminu ta' tliet (3) xhur mid-data ta' din is-sentenza sabiex ir-

[2] Dokument A3 a fol. 97 u 98

[3] F'deċiżjoni mogħtija mill-Qorti tal-Appell fl-ismijiet **Saviour Zammit vs. Joseph Galea et**, tat-30 ta' Marzu, 2001, il-Qorti stabbiliet illi l-kliem "bla titolu" espressa f'att ġudizzjarju promutur "kellu jinqara fis-sens limitat li l-Qorti kellha tindaga u tistabbilixxi l-eżistenza tat-titolu fil-konfront tal-attur li jkun ippropona l-kawża kontra l-konvenut li jkun qiegħed jokkupa l-fond tiegħu (b'mod invers għas-sitwazzjoni odjerna). Ma kienx allura biżżejjed għall-konvenut illi hu jkun qiegħed jippossjedi l-fond bis-saħħa ta' relazzjoni ġuridika leġittima, kienet x'kienet, li kellu ma' xi ħadd, kien min kien. Kellu jipprova illi tali relazzjoni ġuridika leġittima kienet teżisti bejnu u bejn l-atturi."

rikorrenti jizgombra u jnehhi kull oggett mobbli appartenenti lilu mill-fond numru 47, Blokk 3, Triq iz-Zewg Mini, Isla.

Bl-ispejjez kontra r-rikorrent.

**Dr. Charmaine Galea**
**President tat-Tribunal ta' Revizjoni Amministrattiva**

**Diane Gatt**
**Deputat Registratur**